A.L. 69 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI

(KAP. 327)

Statut I19 - L-Istitut dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u l-*Management*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita` ta' Malta ppromulga dan l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill ta' l-Universita` ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(h), 31(2) u 33(c) ta' dak l-Att:

Twaqqif ta' l-Istitut

1. B'dan l-istatut qed jitwaqqaf l-Istitut dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u l-*Management*, li minn hawn 'il quddiem qed jissejjaħ "l-Istitut".

Għanijiet ta' l-Istitut

2. L-Istitut irid iġib 'il quddiem il-prattika u l-istudji dwar l-amministrazzjoni u l-*management* fis-settur pubbliku u, għal dan il-għan, jista';

(a) imexxi korsijiet ta' studju, li jinkludu korsijiet li jwasslu ghal ċertifikat, diploma jew grad fl-amministrazzjoni pubblika, skond ir-Regolamenti u l-politika ta' l-Universita`;

(b) jorganizza taħdidiet pubbliċi u konferenzi;

(c) jagħmel riċerka bl-inizzjattiva tiegħu jew għax mitlub minn terzi persuni, fl-amministrazzjoni pubblika u l-*management*;

(d) jevalwa l-effetti tal-politika pubblika fuq is-soċjeta`;

(e) jippublika rapporti, kotba, artikli u *journals*.

Setghat

3. (1) L-Istitut għandu jeżerċita is-setgħat kollha li jistgħu jingħataw lilu minn żmien għal żmien permezz ta', jew skond, xi regolament, jew skond id-direttivi mogħtija mill-Kunsill jew mis-Senat.

(2) Fit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet skond dawn id-dispożizzjonijiet, l-Istitut, il-Kumpanji, l-istaff u l-istudenti tiegħu jgawdu minn liberta` akkademika skond in-natura tiegħu ta' istituzzjoni ta' tagħlim.

Tmexxija

4. (1) L-Istitut jitmexxa minn Bord, skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-istatuti, u ta' regolamenti, politika jew direttivi approvati mill-Kunsill u mis-Senat minn żmien għal żmien.

(2) Il-Bord ifassal il-politika ta' l-Istitut, u jissorvelja l-ħidma u l-amministrazzjoni tieghu u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmijin, il-Bord jista':

(a) japprova *business plans* u l-estimi ta' kull sena tad-dħul u l-infiq ta' l-Istitut għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill;

(b) bi qbil bil-miktub mar-Rettur, l-Istitut jista' jiftiehem ma' terzi persuni (li jistgħu jkunu entitajiet) biex jiffinanzjaw lill-Istitut jew lil xi attivitajiet;

(c) jippubblika kalendarju ta' attivitajiet ta' matul is-sena;

(d) jinkiteb f'assoċjazzjonijiet ta' istituzzjonijiet li għandhom l-istess għanijiet u interessi;

(e) jipproponi Regolamenti u Ordinamenti lis-Senat;

(f) jitlob rapporti mill-membri ta' l-istaff ta' l-Istitut dwar materji akkademiċi, inkluz il-kurrikulu ta' korsijiet ta' studji, kwalifiki ghal dħul fil-korsijiet, eżamijiet u ċertifikati ta' attendenza jew ta' kwalifika;

(g) jirrakkomanda lill-Kunsill il-ħolqien jew it-tneħħija ta' karigi akkademiċi u mhux-akkademiċi fl-Istitut;

(h) jipproponi għall-approvazzjoni tas-Senat, Bordijiet ta' l-Istudji, kif ukoll l-Eżaminaturi għal korsijiet li jwasslu għal grad jew diploma.

(3) Il-membri tal-Bord ikunu dawn imsemmijin:

(a) *Chairman* li jkun ir-Rettur jew id-delegat tiegħu;

(b) Deputat *Chairman*, magħżul mill-Kap tas-Servizz Pubbliku;

(c) Segretarju, li jkun *ex officio* id-Direttur ta' l-Istitut, maħtur skond l-istatut 5;

(d) zewg membri maħtura *ex officio* li huma:

(i) il-Kap tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika; u

(ii) id-Direttur ta' l-i*Staff Development Organisation* fis-Servizz Pubbliku;

(e) membru ta' l-istaff akkademiku ta' l-Universita` maħtur mis-Senat u approvat mill-Kunsill;

(f) membru magħżul mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi.

(4) Ic-*Chairman* u, fl-assenza tiegħu, id-Deputat *Chairman*, ikollu u għandu jeżerċita l-*casting vote;*

(5) Erba' membri tal-Bord jikkonstitwixxu *quorum.*

Id-Direttur

5. (1)Id-Direttur jamministra l-materji akkademiċi u mhux-akkademiċi ta' l-Istitut skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artiklu 4 ta' dan l-Istatut.

(2) Id-Direttur jinħatar mill-Kunsill wara sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Id-Direttur jinħatar għal mhux aktar minn erba' snin. Il-Kunsill jista' jġedded din il-ħatra wara li jqis il-parir tal-Bord.

Staff

6.(1) Membri ta' l-istaff ta' l-Istitut jinħatru, jiġu dixxiplinati, jew jitneħħew skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Istatuti ta' l-Universita`.

Kumpanji ta' l-Istitut

7.(1) Il-Bord jista' minn żmien għal żmien jagħżel uffiċċjali pubbliċi li rtiraw u li jkollhom il-kwalifiki akkademiċi adatti u li ddistingwew ruħhom fis-servizz, bħala Kumpanji onorarji ta' l-Istitut.

(2) Il-Kumpanji jistgħu jinħatru għal ħajjithom kollha.

(3) Il-Kumpanji jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' tagħlim u riċerka ta' l-Istitut.

(4) L-ordinamenti dwar l-għażla u t-termini ta' servizz tal-Kumpanji ta' l-Istitut isiru mill-Bord bl-approvazzjoni tas-Senat.

Tmexxija Finanzjarja

8.(1) L-Uffiċċjal tal-Finanzi ta' l-Universita` jew id-delegat tiegħu jkun it-Tezorier *ex officio* ta' l-Istitut.

(2) Id-Direttur għandu jħejji għall-approvazzjoni tal-Bord:

(a) l-estimi annwali tad-dħul u l-infiq;

(b) il-kontijiet finanzjarji annwali flimkien ma' rapport bl-attivitajiet ta' l-Istitut.

(3) Flus li ma ntefqux u li ma oriġinawx mill-estimi konsolidati ta' l-Universita`, għandhom jitqiegħdu f'riserva apposta fi tmiem is-sena finanzjarja, biex jintużaw aktar 'il quddiem skond l-għażla tal-Bord.

Rapporti

9. Il-Bord għandu jissottometti lill-Kunsill ta' l-Universita` għall-approvazzjoni tiegħu:

(a) l-estimi tad-dħul u l-infiq;

(b) rapporti verifikati tal-kontijiet finanzjarji; u

(c) rapport kull sena dwar il-ħidma ta' l-Istitut.

Emendi ghall-Istatut

10. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Universita` jistgħu jemendaw dan l-Istatut wara li jqisu l-parir tal-Bord.

Interpretazzjoni

11. F'dan l-Istatut, kemm-il darba r-rabta ta' kliem ma tehtiegx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut imwaqqaf skond l-artiklu 4 ta' dan l-Istatut;

"Kap tas-Servizz Pubbliku" ifisser l-uffiċjal rikonoxxut bħala tali mill-Prim Ministru, li bħalissa hu s-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jew f'assenza tiegħu, uffiċċjal ieħor li jeżerċita l-kariga minfloku;

"Istitut" ifisser l-Istitut ta' l-Amministrazzjoni Pubblika u l-*Management* imwaqqaf skond l-artiklu 1 ta' dan l-Istatut.